**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 8 ta' Awwissu 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Christopher Cassar**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: Christopher Cassar ta'  erbgħa u erbgħin (44) sena, bin Saviour Cassar u Emmanuela Abela, li twieled ġewwa Ħ'Attard, Malta, nhar l-għaxra (10) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), iddikjarat li jirrisjedi fl-indirizz 26, Triq is-Serer, Ħal Qormi, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0186480M**

**Akkuzat talli**: ***nhar is-sitta (06) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u nofs ta' filgħaxija (20:30hrs) u d-disgħa ta' filgħaxija (21:00hrs), ġewwa Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:-***

1. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' **William Camenzuli,** f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **William Camenzuli**, u ċioe' offiża ta' natura gravi, u dan hekk kif ċertifikat minn Dr. Nicole Abela (Med. Reg. 4759), liema offiża saret permezz ta' arma rregolari;*

2. *Fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-ex-mara tiegħu **Claire Cassar** f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess **Claire Cassar**, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira, u dan hekk kif ċertifikat minn Dr. Carina Debattista (Med. Reg. 3964);*

3. *Fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq il-ħwejjeġ ta' **Claire Cassar**, u ċioe' il-vettura tagħha tal-għamla Toyota RAV 4 bin-numru tar-reġistrazzjoni bin-numru FCE 945;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi, u ċioe' ta' **William Camenzuli** u **Claire Cassar** jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat **Christopher Cassar** skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi u l-familji tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikoli 15A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok CC 6), *current incident report* (Dok CC 5) u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerġa jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lill-partijiet

jissuġġerixxu lill-Qorti piena ta’ sentejn priġunerija sospiżi għal erba’ snin u Ordni ta’ Protezzjoni favur Claire Cassar u Ordni ta’ Trażżin favur William Camenzuli.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tiegħu, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak suġġerit minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 222(1)(a), 202(h)(i), 325(1), 383, 412Ċ u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **CHRISTOPHER CASSAR** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **<u>għal perijodu ta’ sentejn (2) priġunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta’ erba’ (4) snin millum</u>**. **<u>Inoltre, b’applikazzjoni tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħrog kontra tieghu Ordni ta’ Protezzjoni favur Claire Cassar u kif ukoll b’applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u toħroġ kontra tiegħu Ordni ta’ Trażżin fir-rigward ta’ William Camenzuli liema Ordnijiet huma soġġetti għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordnijiet rispettivi mogħtija kontestwalment u annessi ma’ din is-sentenza.</u>**

Il-Qorti spjegat lill-ħati **CHRISTOPHER CASSAR** fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f’każ ta’ ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 15A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma nġabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Liġi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**8 ta' Awwissu 2024**